*Fit-Tribunal ta' Revizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar*

Agius Mark

vs.

Awtorita ta' l-Ippjanar

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
21 APR 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

PA:7184/18

Rikors ta' l-appell ta' l-Appellant Mark Agius

1. Illi din l-applikazzjoni kienet giet favorevolment deciza mill-Awtorita permezz ta' decizjoni ippublikata fil- 21 ta' Novembru 2018;
2. Illi mill-istess decizjoni kien gie interpost appell mill-Kunsill Lokali Swieqi (Appell 463/18);
3. Illi l-istess Tribunal kien, permezz ta' sentenza tat- 2 ta' Gunju 2020 kien laqa l-appell ta' l-istess Kunsill in parte u bghat lura il-kaz lill-Awtoirta sabiex dina terga tiddeciedi il-kaz;
4. Illi fid-decizjoni tieghu, it-Tribunal iddecieda hekk:

   *Għal dawn il-motivi, dan it-Tribunal qed jilqa' limitatament dan l-appell, iħassar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar tas-6 ta' Novembru 2018 u qed ireġġa lura l-applikazzjoni lill-Awtorita' tal-Ippjanar fi stadju ta' qabel il-case officer report sabiex kif aċċennat fis-suespost, l-istess Awtorita' terġa tikkunsidra u teddiċiedi mill-ġdid l-applikazzjoni u tassigura li jiġi pprovdut residential type mix adegwat hekk kif in-numru ta' appartamenti one bed m'għandhomx jaqbżu it-30% ta' l-abitazzjonijiet permissibbli.*

5. Illi il-process mar lura quddiem l-istess Awtorita fl-istadju ta' qabel il-Case Officer Report, u l-istess Awtorita irrakomandat li l-permess jigi rifjutat ghaliex l-ammont ta' units one bedroom kien jeccedi it- 30% indikati mit-tribunal fid-decizjoni tieghu;

6. Illi meta il-kaz gie trattat quddiem il-Kummissjoni, sar argument dwar kif l-istess permess kellu jigi approvat a bazi ta' dak li tipprovdi l-artikolu 72(2)(d) tal-Kap. 552, u mhux a bazi ta' dak deciz mill-istess Tribunal, tant illi l-istess kummissjoni kienet propensa li tipprocedi b' dan il-mod u ddiferiet il-kaz;
7. Fit-tieni seduta deher il-Perit Valentino, billi indika li kien qed jidher f' isem il-Kunsill Lokali Swieqi (precedentement appellant) u indika li l-Awtorita kellha BILFORS tirrifjuta l-applikazzjoni a bazi tas-sentenza tat-Tribunal.
8. Illi il-Kummissjoni accettat dan l-argument u irrifjutat l-applikazzjoni.
9. Illi l-applikant ihossu aggravat minn din id-decizjoni u qieghed jinterponi dan l-appell

Illi l-aggravvju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1. Illi l-appellant jaghmel referenza ghar-risposta ta' l-Awtorita ghall-appell interpost mill-Kunsill Lokali Swieqi u taghmel taghha l-argumenti imressqa mill-Awtorita;
2. Illi kuntrarju ghall dak allegat mill-istess Perit Valentino, stante li it-Tribunal bghat il-kaz lura ghand l-awtorita fl-istadju ta' qabel il-case officer report, allura kemm l-applikant kif ukoll terzi setghu jaghmlu sottomissjonijiet u argumenti ohra.
3. Illi l-appellant ressaq argument illi minkejja li kienu tnaqqsu in-numru ta' appartamenti one bedroom, minn wara id-decizjoni tat-tribunal, ma setghux jilhqu l-ammont indikat f' dik id-decizjoni minhabba li numru ta' appartamenti kienu inbieghu.
4. Illi izda l-appellant ressaq argument illi kif it-Tribunal ghamel kunsiderazzjoni fl-istess decizjoni fejn gibed average, daqstant iehor l-appellant ser jargumenta, differenti minn kif kien argumenta fl-ewwel decizjoni, illi applikanti il-principji ta' l-artikolu 72(2)(d), l-istess permess kellu jigi approvat.
5. Illi m'huwiex minnu li l-Awtorita ma setghatx tiehu in kunsiderazzjoni dan il-punt, ghaliex li kieku kien hekk, allura it-Tribunal kien messu iddecieda il-kaz hu b' mod definittiv. Il- fatt li l-kaz mar lura fl-istadju ta' QABEL il- case officer report, jindika bic-car li setghu isiru kunsiderazzjonijiet differenti minn kif kien gie deciz il-kaz l-ewwel darba.
6. Illi fil-fatt hekk sar, tant illi l-kaz gie argumentat fuq kunsiderazzjonijiet differenti minn kif kien argumentat il-kaz qabel l-ewwel decizjoni.
7. Illi huwa car illi tenut kont tac-cirkostanzi kollha, u applikati il-provvedimenti ta' l-artikolu 72(2)(d), l-istess permess kellu jigi approvat.

Illi in vista ta' dan l-appell ghandu jigi milqugh u dan it-Tribunal ghandu jordna li jinhareg il-permess relattiv.

Bir-rispett,

Avv. Ian J. Stafrace

Xiedha: Kunsill Lokali Swieqi u ufficjali ta' l-Awtorita u terzi sabiex jixdhu fuq il-fatti tal-kaz.